MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17/8

It-Tlieta 14 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Caruana – Kunsillier
Marija Micallef - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv
Antoinette Azzopardi – Deputat Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

017.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

017.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (16/8 [17/12/19]);

017.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

017.4 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa pubblika annwali li saret fit-02 ta' Diċembru 2019;

017.5 Performace Bonus ghas-sena 2019 ghall-haddiema klerikali;

017.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

017.7 Rapporti;

017.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

017.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

017.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin għoxrin ta` filgħaxija (6.40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**017.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apoloġija.

**017.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (16/8 [17/12/19])**

017.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

017.2.2 Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 016/8 nem con.

**017.3.** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

017.3.1 Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella preżentat lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tal-Kunsill, lis-Sinjura Lara Mascena lill-membri tal-Kunsill, fejn inghatat merhba u L-awgurju għal din il-kariga mall-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sindku ziedet tghid li issa l-Kunsill ser jiffunzjona aktar b`efficjenza. Is-Sindku rringrazzjat lis-Sinjura Antoinette Azzopardi, Deputat Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li għamlet matul dan il-perjodu li kienet qed tokkupa din il-kariga.

017.3.2 Is-Sindku talbet sabiex issir laqgha dwar il-post mortem tal-attivita tal-Milied ta` Dari 2019 flimkien mas-Sotto Kumitat li kien involut f`din l-attivita. Din il-laqgha giet skedata ghal nhar it-Tnejn 27 ta` Jannar 2020. Is-Sindku talbet sabiex ninfurmaw lill-ghaqdiet u l-membri kollha dwar din il-laqgha.

017.3.3 Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jibda jahdem fuq l-attivitajiet relatati ma` Jum il-Gudja 2020. Dr. Vella proponiet sabiex matul il-granet tal-Easter tigi organizzata harga kulturali ghall-Ghawdex, fejn anke nkellmu lill-Parrocca u lill-ghaqdiet biex jikkolaboraw mall-Kunsill. Id-data ghal din il-harga ghada ma gietx iffissata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

017.3.4 Is-Sindku proponiet li ssir anke gita ta` gurnata ghall-Sqallija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

18:47hr Is-Sindku talbet sabiex il-laqgha tigi sospenduta ghal ftit hin. Din it-talba giet milqugha.

18:51hr Kompliet il-laqgha.

017.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li tixtieq li matul din is-sena jsiru attivitajiet ta` ezercizzju fiziku bhal yoga, pilates ghall anzjani u kif ukoll klassijiet ta` matul il-hajja. Il-kunsillier MA Sammut qal li huwa diga` beda jahdem fuq din il-materja, fejn spjega li diga` kellem lill xi fiskjoterapista. Is-Sur Sammut zied jghid li ser jiccekja mall-iskola ta` St. Joan Antide sabiex tintuza sala taghhom ghal dawn l-attivitajiet.

18:48hr Il-Kunsillier Stefan Caruana jinghaqad fil-laqgha.

017.3.6 Dr. Marija Sara Vella ghamlet referenza ghal publikazzjoni ta` newsletter, fejn talbet lill-Kunsillier MA Sammut jaghti taghrif dwar dan. Il-Kusillier MA Sammut talab sabiex kull kunsillier jibghat l-informazzjoni tieghu. Gie maqbul ukoll li din in-newsletter tohrog tlett darbiet fis-sena.

017.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ghall-laqgha tar-Regjun li jmiss, kienet ser isemmi l-items dwar is-servizz tal-wardens u sitwazzjoni tal-parkegg fil-lokalita.

017.3.8 Dr. Marija Sara Vella nfurmat lil dawk prezenti li ser issir laqgha ma` rapprezentanti ta` Transport Malta biex tigi diskussa sitwazzjoni ta` Triq il-Kbira. Is-Sindku ziedet tghid li kien hemm diversi ilmenti minn dawk ir-residenti li joghoqdu f`din it-triq. Kompliet billi qalet li ghalhekk dan l-issue ilu jigi diskuss, qatt ma ttiehdet decizjoni mill-Kunsill precedent.

017.3.9 Il-Kunsillier S Caruana qal li tabella li twahhlet m`hiex enforced, fejn ghal dan il-Vici Sindku JM Calleja qal li din it-tabella twahhlet bil-permess ta` TM. Il-Kunsillier S Caruana issugerriexa li jitwahhlu bollard fejn Triq Hal-Safi u zied jghid li ghandha ssir konsultazzjoni pubblika mar-residenti.

017.3.10 Il-Vici-Sindku JM Calleja qal li l-Kunsill irid jiehu konsiderazzjoni ta` toroq tal-madwar kif ser jigu affettwati, jekk it-toroq jifilhux ghal aktar traffiku.

017.3.11 Il-Kunsillier MA Sammut qal li ma jisghtax jkun li din it-triq tibqa two-way u ghalhekk hemm bzonn li jsir xi haga minn naha ta` barra.

19:24hr Is-Sindku talbet sabiex il-laqgha tigi sospenduta ghal ftit minuti. Din it-talba giet milqugha.

19:32hr kompliet il-laqhha.

017.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament li laqgha tal-konsultazzjoni ssir nhar fit-18 ta` Frar 2020 fis-sitta u nofs ta` filghaxija.

017.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-URBAN Greening 2020 funds, fejn il-Kunsill ghandu fondi ta` tletin elf ewro. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jittrangaw u jitnehhew is-sigar li hemm bzonn fi Vjal it-Torri.

017.3.14 Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jghin finanzjarjament lill-nursery tal-futbol billi jhallas l-ispiza ta` transport. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

017.3.15 Prezentata l-korrispodenza dwar polza ta` assigurazzjoni tas-sahha tal-impjegati u polza ta` assigurazzjoni ghall-flus tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex il-Kunsill japplika ghal dawn il-poloz.

017.3.16 Prezentati l-ismijiet ta` dawk il-kanditati li ssottomew l-applikazzjoni taghhom biex jaghmlu parti mis-sotto kumitat tal-Mithna.

017.3.17 Prezentati l-kwotazzjonijiet tad-dog bins, fejn il-Kunsill approva unanimanent l-irhas offerta dik ta` Green Skips Ltd. Is-Sindku talbet sabiex jitwahhlu zewg bins fi Vjal it-Torri, zewg bins fi Gnien il-Qari u zewg bins ohra fi Triq Hal-Resqun.

017.3.18 Giet prezentata l-kwotazzjoni biex tigi installata NAS System fis-sistema tal-computers tal-Kunsill. Din il-kwotazzjoni tammota ghall-899Euros u giet approvata minn dawk prezenti.

017.3.19 Giet prezentata l-kwotazzjoni tal-hart u qtugh ta` haxix biswiet il-Palazz ta` Bettina, liema kwotazzjoni tammonta ghall-300Euro inkluz il-VAT. Din il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti.

017.3.20 Is-Sindku proponiet li jingiebu l-kwotazzjonijiet tal-floor lights li jinsabu fl-isqaqien fil-parti l-antika tal-Gudja.

017.3.21 Is-Sindku talbet sabiex il-leave tas-sena 2019 tas-Sinjura Antoinette Azzoprdi jigi mgedded ghal din is-sena. Din it-talba giet approvata minn dawk prezenti.

017.4. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Pubblika Annwali li saret fit-2 ta` Dicembru 2019

017.4.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b`vot unanimu approva dawn il-minuti tal-Laqgħa Pubblika Annwali.

017.5. Performance Bonus ghas-sena 2019 tal-haddiema klerikali

Is-Sindku proponiet li l-ħaddiema klerikali għandhom jieħu l-*full performance bonus* għax dejjem wettqu xogħol tajjeb u kif kien mitlub minnhom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**017.6. Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

017.6.1 Il-kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghall-problema tal-parking, fejn fi zmien il-vaganzi din il-problema tikber hafna aktar. Is-Sindku qalet li hekk kif inkunu nafu min ser ikun il-Ministru responsabbli, il-Kunsill jitlob biex issir laqgha mieghu.

**017.7.** **Rapporti**

017.7.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet ta` tappiera ta` fejn il-bus terminus fi Triq William Baker kienu saru.

017.7.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar it-tindif li sar fi Gnien il-Qari.

017.7.3 Dr.Vella ghamlet referenza ghal problema li kienet qed tinholoq fil-bus terminus fejn kienu qed jithallew il-vetturi f`dan l-ispazjul. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li gew ffriskati linji sofor u kif ukoll gie mizjuda kitba ohra li tindika li l-ispazju huwa biss ghal karrozzi tal-linja.

017.7.4 Giet prezentata proposta minn resident fejn talab lill-Kunsill biex Triq J.Pace tigi one way. Il-Kunsill qabel unanimament li triq tigi one way (tohrog minnha biss).

017.7.5 Gie prezentata proposta li waslet mill-kazin Maria Assunta sabiex issir riflettur gdid li jaghti ghal monument tal-Madonna tac-Cintura. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

017.7.6 Giet prezentata proposta minghand resident sabiex titnehha l-sleeping policeman fi Triq iz-Zebbuga. Dwar dan, il-Kunsill qabel unanimament li jingiebu l-permessi mehtiega biex titnehha din l-sleeping policeman. Is-Sindku talbet ghall-kwotazzjonjiet.

20:00hr Il-Kunsilliera M. Micallef talbet biex tigi skuzata mill-laqgha.

**017.8.** Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

017.8.a Is-Sindku proponiet li Triq iz-Zebbuga ssir mill-Kunsill u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

017.8.b Dr. Marija Sara Vella ghamlet referenza ghat-tender tal-progett ta` Triq J.Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta. Katarina, fejn infurmat lil dawk prezenti li tender kien gie kkancellat mis-sistema tal-EPPS. Is-Sindku proponiet li Triq Santa Katarina ssir mill-Infrastructure Malta u tohrog it-tender mill-gdid ta` zewg toroq l-ohra u l-pavimentar ta` Triq Santa Katarina. Is-Sindku talbet sabiex nibghatu l-perit tal-Kunsill biex jibghat il-Bill of Quantities il-godda ta` Triq Santa Katarina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku ziedet tghid li giet infurmata minn IM li l-kuntrattur li tefa` l-offerta ghal Triq Santa Katarina hemm mandate kontra l-IM u l-Kunsill. Sa` llum il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda notifika.

017.8.c Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti bit-talba li issiru dawn ic-change requests relatati mall-progett Mizura 4.3

- Change request biex issir estenzjoni ta` data sal-31 ta` Marzu 2020 ta` meta ser jitlesta l-progett, u li f`kaz li l-progett ma jistlestiex, terga ssir change request ghal estenzjoni ohra
- Change request ghall-BOQ il-godda li gew imhejjin minn IM
- Change request tal-Addendum tal-Agreement li ser jigi ffirmat.

Dawk prezenti qablu unanimament ma` dawn il-rikjesti.

017.8.d Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li saret laqgha mall-Perit Karl Cutajar fuq il-Progett ta` Gnien Raymond Caruana. Is-Sindku kompliet billi qalet li s-Sur Cutajar ser jaghmel laqgha ma` rapprezentanti tal-PA sabiex jigi diskuss ahjar dan il-progett.

017.8.e Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill gie nfurmat mill-Project Leader tal-FTZD li l-kuntratt mall-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghol ser jigi ffirmat fil-granet li gejjin. Dr. Vella ziedet tghid li ser ssir laqgha mall-partijiet kollha kkoncernati qabel ma jinbdew ix-xoghlijiet.

**017.9. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 06/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta' €33,032.26 u ġiet approvata nem con.

**017.10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

017.10.1 Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 6 ta` Frar 2020 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ______________________

Dr. Marija Sara Vella
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv